MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 23/2012

**Angelo Attard, Carmel Attard, George Attard u Louis Attard**

**Vs**

**Dr Joseph Grech li b’digriet tal-11 ta’ Lulju 2012 gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Joseph Attard**

Il-Qorti,

Rat illi r-rikorrenti fir-rikors guramentat ippremettew :

1. Illi l-atturi jigu hut Joseph Attard, iben il-mejtin Anthony Attard u Tarcisia nee’ Attard, imwieled Victoria, Ghawdex fl-erbgha (4) ta’ Lulju ta’ l-elf disa’ mija wiehed u sittin (1961) u kien joqghod Victoria Ghawdex bhalma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu hawn anness u markat Dokument A.

2. Illi l-atturi jigu hut l-imsemmi Joseph Attard u huma wkoll ulied il-mejtin Anthony Attard u Tarcisia nee' Attard, dan kif jirrizulta mic- certifikati tat-twelid hawn annessi u markati dokumenti 'B', 'C', 'D' u 'E'.

3. Illi Joseph Attard kien guvni u ma kellux tfal u ghalhekk l-atturi huma l-eredi skond il-ligi ta' l-assenti Joseph Attard.

4. Illi nhar is-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002) Joseph Attard hareg mid-dar fejn kien ighix ma' missieru (illum mejjet Anthony Attard) fl-indirizz Casa Tartonio, Triq Anici, Victoria, Ghawdex u ma' rritornax lura d-dar.

5. Illi minn dakinhar sal-lum hadd qatt ma rah jew rega' sema' bih aktar.

6. Illi ma jirrizultax illi Joseph Attard seta' halla l-pajjiz peress id-dokumenti kollha ta' l-ivvjagar irrizultaw ghadhom id-dar u bl-investigazzjonijiet illi saru ma rrizultax illi dan b'xi mod halla l-pajjiz.

7. Illi minkejja t-tiftix intensiv li sar mill-awtoritajiet koncernati, il-gisem ta' l-assenti Joseph Attard baqa' qatt ma nstab u l-istess Joseph Attard ilu nieqes minn dawn il-gzejjer minn dik id-data sal-lum;

8. Illi fid-data ta' l-ghibien tieghu kien ghadu haj ukoll missier Joseph Attard cioe' Anthony Attard li pero' miet tul dawn l-ghaxar snin u l-eredi tieghu huma wkoll l-atturi f'din il-kawza.

9. Illi din il-kawza qed issir u qed tigi konfermata bil-gurament minn Angelo Attard li ghandu konoxxenza vera u proprju li taw lok ghal din il-kawza.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-assenza tal-intimat Joseph Attard, detentur tal-karta tal-identita numru 31961G minn dawn il-

gzejjer ilha tippersisti ghal zmien ta' iktar minn ghaxar snin kontinwi mid-data tal-ahhar ahbar dwaru, u dan kif kontemplat fl-artikolu 223 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara ghalhekk illi l-intimat Joseph Attard, detentur tal-karta tal-identita' numru 31961G huwa prezunt mejjet;

3. Takkorda lill-atturi d-dhul fil-pussess assolut fil-beni tal-assenti Joseph Attard, detentur tal-karta tal-identita numru 31961G u l-ezercizzju assolut tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt tal-assenti;

4. Tiddikjara mahlula l-garanziji u li m'ghadhomx iservu l-kawteli l-ohra li setghu gew ordnati fil-konfront tar-rikorrenti tul dawn l-ahhar ghaxar snin. Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-kuratur deputat li eccepixxa:

1. Illi huwa gie nominat permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-11 ta' Lulju 2012 sabiex jirraprezenta lill-imsiefer Joseph Attard;

2. Illi l-esponenti ghadu ma huwiex edott mill-fatti tal-kaz stante li ma ghandu ebda kuntatt mal-istess Joseph Attard;

3. Illi madankollu l-esponenti qieghed minn issa jirriserva li jressaq dawk l-eccezzjonijiet kollha kif ukoll dawk il-provi kollha li jistghu jirrizultaw necessarji matul il-kawza skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti l-ohra kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tallum.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Din hija kawza maghmula a bazi tat-tieni parti tal-artikolu 223 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li giet prezentata qabel ma' l-artikolu inkwistjoni gie fil-fatt emendat permezz ta' l-Att XV tas-sena 2012. Ghaldaqstant ghandu japplika l-artikolu tal-ligi li kien *in vigore* meta l-istess kawza giet prezentata. L-iskop tat-talba tal-kawza odjerna hija sabiex jigi dikjarat li persuna ilha assenti ghal aktar minn ghaxar snin kontinwi mid-data tal-ahhar ahbar u ghalhekk tezisti l-prezunzjoni tal-mewt.

Illi f'dan il-kaz il-persuna hi Joseph Attard, bin il-mejtin Anthony u Tarcisia nee' Attard li twieled fl-4 ta' Lulju 1961 f'Victoria, Ghawdex u dan kif jinsab rifless fic-certifikat ezebit u mmarkat bhala Dokument A[1].

Jirrizulta mill-atti li Joseph Attard kien guvni u ma kellux tfal.

Illi fix-xhieda tieghu <u>Angelo Attard</u>, wiehed mill-ahwa ta' Joseph Attard, xehed li huma kienu hamest ahwa ossija l-atturi u Joseph. Spjega li huh Joseph kien ighix ma' missieru mentri ommhom kienet mietet fl-1990. L-ahwa l-ohra kienu kollha mizzewgin u kienu jghixu mal-familji rispettivi taghhom. Huwa xehed li fis-17 ta' Frar 2002 missieru Anthony kien cempillu u qallu li kien inkwetat ghax huh Joseph ma kienx mar lura d-dar. Missieru dak iz-zmien kien diga' anzjan u kien taht kura medika u l-ahwa kienu jmorru jarawh spiss biex jivverifikaw kellux bzonn xi haga.

Fil-bidu l-ahwa ddecidew li jibdew ifittxu lil huhom Joseph billi jduru u jistaqsu jekk kienx rah xi hadd. Sahansitra fittxewh bid-dghajjes taghhom. Meta raw li t-tfittxija taghhom ma waslet ghall-ebda rizultat ghamlu rapport lill-Pulizija. Kemm il-Pulizija u huma baqghu jfittxu izda ghalxejn. Hadd ma qal li ra lil Joseph Attard. Fid-dar sabu l-hwejjeg kollha tieghu, il-passaport u l-karta ta' l-identita'. Bhala flus huh kien jahdem bil-paga u missieru Anthony kien ighinu finanzjarjament. Fl-ahharnett ix-xhud qal li huh

[1] A fol 5 tal-process

kien ghamel perjodu qasir emigrat l-Amerka pero’ rabtiet ma’ barra ma kellux.

Louis Attard, hu Joseph Attard, ikkonferma dak li xehed huh Angelo u kkonferma wkoll li mis-17 ta’ Frar 2002 ma kien hemm l-ebda kuntatt minn Joseph Attard mieghu u safejn jaf huwa lanqas ma’ hadd mill-familja tieghu.

Is-Supretendent Antonello Grech li kien direttament involut fit-tiftix ghal Joseph Attard xehed dwar ir-rapport li sar li Joseph Attard ma kienx irritorna d-dar. Fil-fatt esebixxa l-*Missing Person Report*[2] minfejn jirrizulta li r-rapport sar mill-missier Anthony Attard fit-18 ta’ Frar 2002. Mir-rapport jirrizulta li Anthony Attard kien spjega li l-ahhar li kien ra lil ibnu Joseph il-Gimgha 15 ta’ Frar 2002 f’nofsinhar u kien qallu li ma kienx se jorqod id-dar dakinhar. Ix-xhud, dak iz-zmien Spettur, xehed li fis-17 ta’ Frar 2002 ghall-habta tas-1.00a.m. kien ra lil Joseph Attard f’diskoteka r-Rabat, Ghawdex. Fittxewh f’diversi partijiet tal-gzira fuq medda ta’ diversi xhur izda ghalxejn. Joseph Attard sallum ghadu ma nstabx.

L-artikolu 223 jaghti diskrezzjoni lil Qorti li wara li tisma’ l-provi tiddeciedi jekk dawn il-provi jwasslux ghall-konvinzjoni morali li l-persuna assenti, u li ilha hekk ghall-perjodu ta’ ghaxar (10) snin kontinwi, hi fil-fatt prezunta mejta. F’dan il-kaz il-Qorti tqis illi l-provi huma cari bizzejjed illi ma jhallux dubbju ragonevoli f’mohh il-Qorti li Joseph Attard jista’ jkun ghadu haj. Partikolarment mix-xhieda tas-Supretendent Antonello Grech u mir-rapport li pprezenta jirrizulta li saru tfittxijiet estensivi tista’ tghid madwar Ghawdex kollu u kif ukoll fuq il-bahar.

Hu difficli li l-interessat f’din il-kawza jipprova oltre dak li rnexxielu jipprova cioe’ l-ghejbien tal-assenti f’cirkostanzi ben dokumentati u ppruvati. Ma ngiebet ebda prova illi tul dawn is-snin ossija matul dawn l-ahhar hdax-il sena Joseph Attard irrizulta li ghadu haj.

---

[2] Dok AG1

Ghalhekk din il-Qorti tqis illi l-atturi pprovaw l-ewwel zewg talbiet taghhom li Joseph Muscat hu prezunt mejjet ai termini tal-artikolu 223 tal-Kodici Civili.

Ladarba ntlaqghu l-ewwel zewg talbiet huwa lecitu ghall-atturi li jressqu t-tielet u raba talbiet cioe' dawk li jikkoncernaw l-ghoti tal-pussess assolut tal-beni ta' Joseph Attard u t-tnehhija ta' kull garanzija u kawtela. Jigi rilevat minn din il-Qorti illi l-azzjoni kompetenti taht l-artikolu 223 tispetta lill-eredi testamentarji jew l-eredi skont il-ligi.

L-atturi ppruvaw li huma l-eredi ta' Joseph Attard permezz tax-xhieda guramentata ta' Angelo Attard li spjega li ma kienx hemm ahwa ohra hliefhom u Joseph Attard u li l-genituri taghhom huma mejtin. Dawn il-provi ma gewx kontradetti. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma thossx li ghandha tichad lill-atturi milli jinghataw il-pussess assolut tal-beni ta' Joseph Attard li qed jigi prezunt li miet u dan bla pregudizzju ghal dak li jipprovdi l-istess Kapitolu 16 senjatament fl-artikoli 227, 228, 230, u 231.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti u ghalhekk:

1. Tiddikjara illi Joseph Attard, detentur tal-karta tal-identita numru 31961(G) ilu assenti ghal aktar minn ghaxar snin kontinwi mid-data tal-ahhar ahbar tieghu u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, inkluz id-dispozizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 223, 234 u 299 tal-Kodici Civili;

2. Takkorda lill-atturi d-dhul fil-pussess assolut fil-beni tal-assenti Joseph Attard, detentur tal-karta tal-identita numru 31961(G) u l-ezercizzju assolut tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt tal-assenti;

3. Tiddikjara mahlula l-garanziji u li m'ghadhomx iservu l-kawteli l-ohra li setghu gew ordnati fil-konfront tar-rikorrenti tul dawn l-ahhar ghaxar snin.

Bl-ispejjez kollha a karigu ta’ l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------